

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

L-informazzjoni mill-Kummissjoni dwar notifikasi mill-Istati Membri dwar każijiet ta' nonreciprocità skont l-Artikolu 1(4)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2014/C 111/01)

I. Bażi legali

Skont l-Artikolu 1(4)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa⁽¹⁾ kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni bil-miktub fi żmien 30 jum mill-implimentazzjoni minn pajjiż terz elenkat fl-Anness II għal ħtieġa tal-viża, jew, f'każijiet fejn il-ħtieġa tal-viża eżistenti fid-9 ta' Jannar 2014, fi żmien 30 jum minn dik id-data.

L-informazzjoni dwar dik in-notifika għandha tīgħi ppubblikata mingħajr dewmien mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, inklūja l-informazzjoni dwar id-data tal-implimentazzjoni tal-ħtieġa tal-viża u t-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.

L-informazzjoni attwali hija bbażata fuq in-notifikasi rċevuti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 1(4)(a) msemmi hawn fuq.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbilità: Il-pubblikkazzjoni ta' informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar notifikasi minn Stat Membru li tikkonċerna r-reċiproċità tal-viża ma tinkludix rikonoxximent awtomatiku mill-Kummissjoni Ewropea ta' sitwazzjoni ta' nonreciprocità tal-viża skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 1289/2013.

II. L-informazzjoni dwar in-notifikasi mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż dwar id-data tal-implimentazzjoni tal-ħtieġa tal-viża u t-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.

Il-Kummissjoni rċeviet notifikasi minn 5 Stati Membri:

- Il-Bulgarija — notifikasi mibgħuta fis-7 ta' Frar 2014,
- Il-Kroazja — notifikasi mibgħuta fis-7 ta' Frar 2014,
- Ċipru — notifikasi mibgħuta fis-7 ta' Frar 2014,
- Il-Polonja — notifikasi mibgħuta fl-4 ta' Frar 2014,
- Ir-Rumanija — notifikasi mibgħuta fil-5 ta' Frar 2014.

⁽¹⁾ ĠUL 81, 21.3.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 74.

IL-BULGARIJA

Il-pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jimplimenta l-ħtieġa tal-viża	Id-data tal-implementazzjoni tal-ħtieġa tal-viża	It-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.
L-Istati Uniti tal-Amerika	Mill-adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Bulgari li għandhom passaporti Bulgari
L-Australja	Mill-adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Bulgari li għandhom passaporti Bulgari
Il-Kanada	Mill-adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Bulgari li għandhom passaporti Bulgari

IL-KROAZJA

Il-pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jimplimenta l-ħtieġa tal-viża	Id-data tal-implementazzjoni tal-ħtieġa tal-viża	It-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.
L-Istati Uniti tal-Amerika	Minn mindu l-Istati Uniti tal-Amerika rrikonoxxiet ir-Repubblika tal-Kroazja fis-7 ta' April 1992	Passaporti diplomatiċi, passaporti uffiċjali, passaporti ordinarji
Il-Brunej Darussalam	Minn mindu l-Brunej Darussalam irrikonoxxa r-Repubblika tal-Kroazja fil-21 ta' Mejju 1992	Passaporti diplomatiċi, passaporti uffiċjali, passaporti ordinarji

ĊIPRU

Il-pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jimplimenta l-ħtieġa tal-viża	Id-data tal-implementazzjoni tal-ħtieġa tal-viża	It-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.
L-Istati Uniti tal-Amerika	Mill-adeżjoni ta' Ċipru mal-UE fl-1 ta' Mejju 2004	Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru, li għandhom passaporti Ċiprijotti
L-Australja	Mill-adeżjoni ta' Ċipru mal-UE fl-1 ta' Mejju 2004	Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru, li għandhom passaporti Ċiprijotti

IL-POLONJA

Il-pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jimplimenta l-ħtieġa tal-viża	Id-data tal-implementazzjoni tal-ħtieġa tal-viża	It-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.
L-Istati Uniti tal-Amerika	Mill-adeżjoni tal-Polonja mal-UE fl-1 ta' Mejju 2004	Iċ-ċittadini Pollakki kollha; It-tipi kollha ta' dokumenti tal-ivvjaġġar

IR-RUMANIJA

Il-pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jimplimenta l-ħtieġa tal-viża	Id-data tal-implementazzjoni tal-ħtieġa tal-viża	It-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u l-viżi kkonċernati.
L-Australja	Mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Rumeni kollha, irrispettivamente mit-tip ta' dokument jew l-għan ta' permanenza qasira
Il-Kanada	Mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Rumeni kollha, irrispettivamente mit-tip ta' dokument jew l-għan ta' permanenza qasira
Il-Ġappun	Mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	<ul style="list-style-type: none"> — Passaporti ordinarji temporanji; — titolari ta' passaporti ordinarji elettroniċi huma koperti mill-eżenzjoni temporanja mill-viża biss (sal-31 ta' Diċembru 2015).
L-Istati Uniti tal-Amerika	Mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007	Iċ-ċittadini Rumeni kollha, irrispettivamente mit-tip ta' dokument jew l-għan ta' permanenza qasira